KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
KOKOTT
ippreżentati fid-19 ta' Marzu 2015[1]

Kawża C-398/13 P

Inuit Tapiriit Kanatami et
vs

Il-Kummissjoni Ewropea et

"Appell — Regolament (UE) Nru 737/2010 — Regolament (KE) Nru 1007/2009 — Kummerċ ta' prodotti dderivati mill-foki — Projbizzjoni ta' tqegħid fis-suq fl-Unjoni Ewropea — Eċċezzjonijiet għall-komunitajiet Inuit — Għażla tal-bażi legali adegwata — Kompetenza ġenerali ta' armonizzazzjoni fis-suq intern (Artikolu 95 KE) — Drittijiet fundamentali — Dritt internazzjonali — Dikjarazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-drittijiet tal-popli indiġeni"

I – **Introduzzjoni**

1. Fl-2009 seta' l-leġiżlatur tal-Unjoni jibbaża ruħu fuq l-Artikolu 95 KE (attwalment l-Artikolu 114 TFUE), sabiex jipprojbixxi b'mod estensiv it-tqegħid ta' prodotti dderivati mill-foki fis-suq intern Ewropew? Din hija l-qofol tal-kwistjoni li l-Qorti tal-Ġustizzja hija mitluba tiddeċiedi f'din il-proċedura ta' appell.

2. Ma hemmx bżonn li s-sensittività għolja tal-problemi ġuridiċi dwar l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tal-Artikolu 95 KE fir-rigward tad-demarkazzjoni tal-kompetenzi bejn l-Unjoni u l-Istati Membri tiġi enfasizzata b'mod partikolari[2]. Minbarra l-konsegwenzi ta' din il-kompetenza ġenerali fl-armonizzazzjoni tas-suq intern, dan il-każ iqajjem ukoll problemi fl-ambitu tad-drittijiet fundamentali tal-Unjoni. Minbarra dan għandu jiġi diskuss, x'effetti jistgħu jiġu attribwiti fl-Unjoni, fir-rigward tad-Dikjarazzjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti.

1 — Lingwa oriġinali: il-Ġermaniż.

2 — Jirriżultaw li għadhom pendenti kawżi oħra li jikkonċernaw l-Artikolu 114 TFUE, u dawn huma il-Kawżi C-358/14 (Il-Polonja vs Il-Parlament u Il-Kunsill), C-477/14 (Pillbox 38) u C-547/14 (Philip Morris *et*).

3. Din hija t-tieni darba li dawn il-mistoqsijiet tressqu għall-attenzjoni tal-qrati tal-Unjoni mill-Inuit Tapiriit Kanatami bħala rappreżentanta tal-interessi tal-Inuit Kanadiżi[3] kif ukoll minn sensiela ta' partijiet ikkonċernati oħra – l-ewwel nett il-produtturi jew in-negozjanti ta' prodotti dderivati mill-foki. Fin-nuqqas ta' *locus standi* tagħhom għal azzjoni diretta[4] kontra r-Regolament bażiku tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[5], huma issa jikkontestaw ir-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea[6] u f'dan ir-rigward jinvokaw inċidentalment (fis-sens tal-Artikolu 277 TFUE) l-illegalità tar-Regolament bażiku.

4. F'dan il-każ, it-talba tal-Inuit Tapiriit Kanatami u l-koappellanti tagħha fl-ewwel istanza ma ġietx milqugħa. B'sentenza tal-25 ta' April 2013[7], il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea ċaħdet ir-rikors għal annullament tagħhom bħala infondat. Huma qed jikkontestaw din is-sentenza permezz ta' dan l-appell.

II – **Il-leġiżlazzjoni rilevanti**

A – *Id-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni*

5. Id-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni fir-rigward tat-tqegħid fis-suq ta' prodotti dderivati mill-foki jinsabu, minn naħa, f'Regolament bażiku (ir-Regolament Nru 1007/2009) li l-Parlament u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea adottaw fl-2009 u, min-naħa l-oħra, f'Regolament ta' Implementazzjoni li l-Kummissjoni Ewropea adottat fl-2010 (Regolament Nru 737/2010). Għalkemm din il-proċedura hija bla dubju intiża formalment kontra r-Regolament ta' Implementazzjoni, essenzjalment hija kkontestata esklużivament il-legalità tar-Regolament bażiku.

1. Ir-Regolament bażiku (Regolament Nru 1007/2009)

6. Is-suġġett tar-Regolament Nru 1007/2009 jinsab iddefinit fl-Artikolu 1 tiegħu bil-mod kif ġej:

"Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli armonizzati dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti derivati mill-foki."

7. L-Artikolu 3 tar-Regolament Nru 1007/2009 jiddefinixxi l-"Kondizzjonijiet għat-tqegħid fis-suq" tal-prodotti dderivati mill-foki:

"(1) It-tqegħid fis-suq ta' prodotti derivati mill-foki għandu jkun permess biss meta l-prodotti derivati mill-foki jirriżultaw minn kaċċa tradizzjonalment imwettqa mill-Inuit u minn komunitajiet indiġeni oħra u li tikkontribwixxi għall-għajxien tagħhom. Dawn il-kondizzjonijiet għandhom japplikaw fil-waqt jew fil-punt ta' importazzjoni għall-prodotti importati.

3 — L-Inuit huwa grupp etniku indiġenu li jgħix fil-parti l-kbira fir-reġjuni Artiċi u Subartiċi fil-parti Ċentrali u fil-Grigal tal-Kanada, fl-Alaska, fil-Groenlandja u parzjalment fir-Russja. Il-kunċett ta' Eskimo(s) xi drabi użat fil-lingwaġġ ta' kuljum jindika, minbarra l-Inuit, ukoll gruppi etniċi Artiċi oħra.

4 — Digriet Inuit Tapiriit Kanatami *et* vs Il-Parlament u Il-Kunsill (T-18/10, EU:T:2011:419), ikkonfermat mis-sentenza Inuit Tapiriit Kanatami *et* vs Il-Parlament u Il-Kunsill (C-583/11 P, EU:C:2013:625).

5 — Regolament (KE) Nru 1007/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-16 ta' Settembru 2009, dwar il-kummerċ tal-prodotti mill-foki (ĠU L 286, p. 36).

6 — Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 737/2010, tal-10 ta' Awwissu 2010, li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1007/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kummerċ tal-prodotti mill-foki (ĠU L 216, p. 1).

7 — Sentenza Inuit Tapiriit Kanatami *et* vs Il-Kummissjoni (T-526/10, EU:T:2013:215), iktar 'il quddiem is-"sentenza appellata".

(2) B'deroga mill-paragrafu 1:

a) l-importazzjoni ta' prodotti derivati mill-foki għandha tkun permessa wkoll meta tkun ta' natura okkażjonali u tkun tikkonsisti esklussivament minn oġġetti għall-użu personali tal-vjaġġaturi jew il-familji tagħhom. In-natura u l-kwantità ta' oġġetti ta' dan it-tip m'għandhomx ikunu tali li jindikaw li qed jiġu importati għal raġunijiet kummerċjali;

b) it-tqegħid fis-suq għandu jkun permess ukoll għall-prodotti mill-foki li jirriżultaw mill-prodotti sekondarji tal-kaċċa li tkun regolata taħt il-liġi nazzjonali u li titwettaq għall-iskop waħdieni ta' mmaniġġjar sostenibbli tar-riżorsi tal-baħar. Tqegħid fis-suq ta' dan it-tip għandu jkun permess biss fuq il-bażi li ma jkunx għal skopijiet ta' qligħ. In-natura u l-kwantità ta' prodotti mill-foki m'għandhomx ikunu tali li jindikaw li qed jitqiegħdu fis-suq għal raġunijiet kummerċjali.

L-applikazzjoni ta' dan il-paragrafu m'għandhiex iddgħajjef l-ilħuq tal-objettiv ta' dan ir-Regolament.

(3) Il-Kummissjoni, bi qbil mal-proċedura ta' mmaniġġjar […] għandha tfassal noti ta' gwida teknika li jistabbilixxu lista indikattiva tal-kodiċijiet tan-Nomenklatura Magħquda li jistgħu jkopru l-prodotti derivati mill-foki li huma suġġetti għal dan l-Artikolu.

(4) Bla ħsara għall-paragrafu 3, il-miżuri għall-implimentazzjoni ta' dan l-Artikolu imfassla biex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament billi jissuplimentawh, għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju […]."

8. Minbarra dan l-Artikolu 2(4) tar-Regolament Nru 1007/2005 jinkludi d-definizzjoni li ġejja tal-kunċett "Inuit":

"'Inuit' tfisser il-membri indiġeni tat-territorju Inuit – speċifikament dawk l-inħawi Artiċi u sub-Artiċi fejn, attwalment jew tradizzjonalment, l-Inuit għandhom drittijiet u interessi aboriġini – rikonoxxuti mill-Inuit bħala membri tal-poplu tagħhom u li jinkludu l-Inupiat, il-Yupik (Alaska), l-Inuit, l-Inuvialuit (Kanada), il-Kalaallit (Greenland) u l-Yupik (Russja);"

9. Barra minn hekk huwa stabbilit fil-premessa 14 tar-Regolament Nru 1007/2009:

"L-interessi ekonomiċi u soċjali fundamentali tal-komunitajiet Inuit li jikkaċċaw il-foki bħala mezz biex jiggarantixxu l-għajxien tagħhom ma għandhomx jiġu affettwati ħażin. Il-kaċċa hija parti integrali mill-kultura u l-identità tal-membri tas-soċjetà tal-Inuit u, bħala tali, hija mħarsa mid-Dikjarazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Popli Indiġeni. Għalhekk, għandu jkun permissibli li jitqiegħdu fis-suq il-prodotti mill-foki li jirriżultaw mill-kaċċa mwettqa tradizzjonalment mill-komunitajiet Inuit u minn komunitajiet indiġeni oħra u li jikkontribwixxu għall-għajxien tagħhom."

2. Ir-Regolament ta' Implementazzjoni (Regolament Nru 737/2010)

10. Fl-10 ta' Awwissu 2010, abbażi tal-Artikolu 3(4) tar-Regolament Nru 1007/2009, il-Kummissjoni adottat, fil-forma tar-Regolament (UE) Nru 737/2010 (iktar 'il quddiem ir-"Regolament ta' Implementazzjoni") il-modalitajiet ta' applikazzjoni dwar il-kummerċ ta' prodotti dderivati mill-foki.

11. Skont l-Artikolu 1 tar-Regolament Nru 737/2010:

"Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli dettaljati għat-tqegħid fis-suq ta' prodotti derivati mill-foki skont l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1007/2009."

12. Fl-Artikolu 3 tar-Regolament Nru 737/2010 huma stabbiliti r-rekwiżiti li għandhom jiġu ssodisfatti, sabiex prodotti dderivati mill-foki li ġejjin mill-kaċċa mill-Inuit jew komunitajiet indiġeni oħra jistgħu jitqiegħdu fis-suq.

13. L-Artikolu 4 tar-Regolament Nru 737/2010 jistabbilixxi taħt liema kundizzjonijiet il-prodotti dderivati mill-foki intiżi għall-użu personali tal-vjaġġaturi jew tal-familji tagħhom jistgħu jiġu importati.

14. Fl-aħħar nett, l-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 737/2010 jirregola taħt liema ċirkustanzi prodotti dderivati mill-foki li ġejjin mill-ġestjoni tar-riżorsi tal-baħar jistgħu jitqiegħdu fis-suq.

B – *Riżoluzzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti*

15. Permezz tar-Riżoluzzjoni 61/295 li l-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti adottat fis-Seduta Plenarja 107 tagħha fit-13 ta' Settembru 2007 ġiet ipproklamata solonnement, id-"Dikjarazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-drittijiet tal-popli indiġeni" (iktar 'il quddiem id-"DNUDPI").

16. L-Artikolu 19 tad-DNUDPI huwa fformulat kif ġej:

"L-Istati ser jikkonsultaw u jikkooperaw *in bona fide* mal-popli indiġeni kkonċernati – bl-intermedju tal-istituzzjonijiet rappreżentattivi tagħhom stess – qabel ma jadottaw u japplikaw miżuri leġiżlattivi jew amministrattivi li jistgħu jikkonċernaw il-popli indiġeni, sabiex jiksbu l-kunsens bil-quddiem tagħhom, mogħti liberament u b'mod informat."

17. Fl-aħħar premessa tal-preambolu tagħha, jirriżulta li d-DNUDPI ġiet ipproklamata "bħala għan li għandu jitfittex fi spirtu ta' sħubija u ta' rispett reċiproku" [8].

III – **Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja**

18. B'att ippreżentat fit-8 ta' Lulju 2013, l-Inuit Tapiriit Kanatami u l-koappellanti tagħha (iktar 'il quddiem l-"appellanti") ppreżentaw konġuntament dan l-appell. Huma jitolbu li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tannulla s-sentenza appellata, tiddikjara lir-Regolament Nru 1007/2009 bħala illegali u inapplikabbli skont l-Artikolu 277 TFUE kif ukoll li tannulla r-Regolament Nru 737/2010 fis-sens tal-Artikolu 263 TFUE, fil-każ li l-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li jeżistu l-elementi kollha meħtieġa sabiex jiġi deċiż dwar il-mertu tar-rikors għal annullament tar-Regolament inkwistjoni;

— sussidjarjament, tannulla s-sentenza appellata u tirrinvija l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali;

— tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-ispejjeż.

19. Il-Kummissjoni titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tiċħad l-appell u

— tikkundanna lill-appellanti *in solidum* għall-ispejjeż.

8 — Bl-Ingliż: "as a standard of achievement to be pursued in a spirit of partnership and mutual respect"; bil-Franċiż: "qui constitue un idéal à atteindre dans un esprit de partenariat et de respect mutuel"; bl-Ispanjol: "como ideal común que debe perseguirse en un espíritu de solidaridad y respeto mutuo".

20. Il-Parlament, li intervjena fil-proċedura fl-ewwel istanza insostenn tal-Kummissjoni, jitlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tiċħad l-appell u

— tikkundanna lill-appellanti għall-ispejjeż.

21. Fl-aħħar nett il-Kunsill li wkoll fl-ewwel istanza intervjena insostenn tal-Kummissjoni, jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tiċħad l-appell fl-intier tiegħu u

— tikkundanna lill-appellanti għall-ispejjeż tal-Kunsill.

22. L-appell quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja ta lok għal proċedura bil-miktub u, fid-9 ta' Frar 2015, saret seduta għas-sottomissjonijiet orali.

IV – **Evalwazzjoni**

23. Fl-appell tagħhom, Inuit Tapiriit Kanatami u l-koappellanti tagħha ma jerġgħux iqajmu l-kwistjonijiet kollha li kienu s-suġġett tal-proċedura fl-ewwel istanza. Minflok, il-kwistjoni ġuridika fil-proċedura ta' appell hija limitata biss għal xi problemi magħżula, li kollha jikkonċernaw il-legalità tar-Regolament bażiku [9]. F'dan ir-rigward, jeżistu żbalji ta' liġi mwettqa mill-Qorti Ġenerali, meta ċaħdet talba inċidentali ta' illegalità mqajma mill-Inuit Tapiriit Kanatami u mill-koappellanti tagħha kontra r-Regolament bażiku (Artikolu 277 TFUE). Qabel ma nibda nikkunsidra tali talba mill-aspett tad-dritt sostantiv [10], huwa neċessarju li nagħmel osservazzjoni preliminari qasira dwar l-ammissibbiltà tar-rikors għal annullament ippreżentat fl-ewwel istanza.

A – *Osservazzjoni preliminari dwar l-ammissibbiltà tar-rikors għal annullament tal-ewwel istanza*

24. Minkejja li l-Kunsill qajjem oġġezzjonijiet fl-ewwel istanza, il-Qorti Ġenerali b'mod partikolari naqset milli teżamina b'mod suffiċjenti l-*locus standi* tal-Inuit Tapiriit Kanatami u tal-koappellanti tagħha, u okkupat ruħha direttament dwar il-mertu tar-rikors tagħhom [11].

25. Huwa minnu li din iċ-ċirkustanza fundamentalment ma tipprekludix lill-Qorti tal-Ġustizzja li taċċerta ruħha *ex officio* fil-fażi tal-appell, li l-Inuit Tapiriit Kanatami u l-koappellanti tagħha għandhom il-*locus standi* neċessarju fis-sens tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE [12].

26. Madankollu, diversament mill-ewwel proċedura mressqa mill-Inuit Tapiriit Kanatami u mill-koappellanti tagħha, fir-rigward tar-Regolament bażiku [13], din il-kwistjoni intiża kontra r-Regolament ta' Implementazzjoni ma tqajjem ebda problema fundamentali ta' ammissibbiltà fir-rigward ta' *locus standi*. Fil-fatt, jista' jiġi argumentat, li tal-inqas dawk l-appellanti li jikkummerċjalizzaw huma stess prodotti dderivati mill-foki u li jqiegħduhom fis-suq intern Ewropew, huma direttament ikkonċernati mir-Regolament ta' Implementazzjoni adottat mill-Kummissjoni u li

9 — Il-proċeduri li nbdew mill-Kanada u min-Norveġja kontra l-Unjoni Ewropea quddiem il-panel tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ ("EC – Seal Products", DS 400 u DS 401), li fihom ġew adottati, fit-18 ta' Lulju 2014, rapport finali b'rakkomandazzjonijiet, li jirrigwardaw kwistjonijiet differenti minn dawk ta' din il-proċedura ta' appell.

10 — Ara f'dan ir-rigward il-punti 27 sa 96 ta' dawn il-konklużjonijiet.

11 — F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali tibbaża ruħha fuq ġurisprudenza applikata okkażjonalment mill-Qorti tal-Ġustizzja skont is-sentenza Il-Kunsill vs Boehringer (C-23/00 P, EU:C:2002:118, punti 51 u 52) u Franza vs Il-Kummissjoni (C-233/02, EU:C:2004:173, punt 26).

12 — Sentenza Stadtwerke Schwäbisch Hall *et* vs Il-Kummissjoni (C-176/06 P, EU:C:2007:730, punt 18).

13 — F'dan ir-rigward, ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 5.

ma hija meħtieġa ebda miżura ta' implementazzjoni oħra fil-konfront tagħhom. B'hekk huma jistgħu jiġu kkunsidrati bħala persuni li għandhom *locus standi* skont it-tielet każ imsemmi fir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE[14]. Skont il-ġurisprudenza, dan huwa biżżejjed sabiex ir-rikors għal annullament ippreżentat konġuntament mir-rikorrenti fl-ewwel istanza jiġi kkunsidrat komplessivament bħala ammissibbli[15].

B – *Fuq l-għażla tal-Artikolu 95 KE bħala bażi legali għar-Regolament bażiku (l-ewwel aggravju)*

27. Permezz tal-ewwel aggravju tagħhom, l-Inuit Tapiriit Kanatami u l-koappellanti tagħha jallegaw li l-Qorti Ġenerali wettqet żewġ żbalji ta' liġi relatati mal-Artikolu 95 KE. Għalhekk huma ma jqajmux dubju dwar jekk din id-dispożizzjoni hijiex adegwata bħala bażi legali għal projbizzjoni wiesgħa ta' tqegħid fis-suq ta' prodotti partikolari. Huma pjuttost jillimitaw ruħhom sabiex jikkunsidraw bħala suġġett tal-kawża żewġ problemi mfassla ristrettivament: minn naħa, fil-mument, matul il-proċedura leġiżlattiva, li fiha l-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni tal-Artikolu 95 għandhom jiġu ssodisfatti, u min-naħa oħra, l-importanza tal-volum ta' kummerċ li għandu jiġi affettwat, sabiex tiġi ġġustifikata riferiment għall-Artikolu 95 KE.

1. Il-mument rilevanti għall-evalwazzjoni tal-kundizzjonijiet skont l-Artikolu 95 KE (l-ewwel parti tal-ewwel aggravju)

28. Fl-ewwel lok, b'riferiment għall-punti 36 sa 64 tas-sentenza appellata, l-appellanti jsostnu li l-Qorti tal-Ġustizzja ma ħaditx inkunsiderazzjoni l-mument korrett, meta hija eżaminat jekk il-kundizzjonijiet skont l-Artikolu 95 KE kinux ġew issodisfatti fid-dawl tar-Regolament bażiku. Dawn huma tal-fehma li ma huwiex rilevanti l-mument tal-adozzjoni tar-Regolament bażiku, iżda mument preċedenti u preċiżament dak li fih il-Kummissjoni kienet ippreżentat il-proposta tagħha għar-regolament inkwistjoni.

29. Dawn it-talbiet ma humiex fondati.

30. Skont ġurisprudenza stabbilita, għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-leġittimità ta' att tal-Unjoni huma fi kwalunkwe każ rilevanti l-punti ta' fatt u ta' liġi eżistenti fid-data meta jkun ġie adottat l-att[16]. Dan japplika, mhux tal-inqas, anki għall-kwistjoni kkontestata f'din il-kawża, partikolarment jekk id-differenzi eżistenti bejn il-leġiżlazzjonijiet nazzjonali humiex suffiċjentement rilevanti sabiex jiġġustifikaw intervent tal-leġiżlatur tal-Unjoni abbażi tal-Artikolu 95 KE[17].

31. Minbarra dan, kien ikun kunsiderevolment iktar diffiċli għall-Parlament u għall-Kunsill li jemendaw l-att propost mill-Kummissjoni matul il-proċedura leġiżlattiva ordinarja (li qabel kienet: il-proċedura ta' kodeċiżjoni) sabiex tittieħed inkunsiderazzjoni sitwazzjoni ġdida ta' fatt u ta' liġi jew li tiġi espressa evalwazzjoni politika differenti tal-kwistjonijiet li għandhom jiġu deċiżi min-naħa tal-koleġiżlatur – inkluża l-kwistjoni ta' bażi legali korretta.

14 — It-tielet ipoteżi tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, intodotta bit-Trattat ta' Lisbona, tagħti lill-persuni fiżiċi u ġuridiċi l-*locus standi* kontra l-atti leġiżlattivi kollha li jikkonċernawhom direttament u li ma jinkludu ebda miżura ta' eżekuzzjoni.

15 — Sentenza CIRFS *et* vs Il-Kummissjoni (C-313/90, EU:C:1993:111, punti 30 u 31).

16 — Sentenzi Franza vs Il-Kummissjoni (15/76 u 16/76, EU:C:1979:29, punt 7), Crispoltoni *et* (C-133/93, C-300/93 u C-362/93, EU:C:1994:364, punt 43), IECC vs Il-Kummissjoni (C-449/98 P, EU:C:2001:275, punt 87) u Schaible (C-101/12, EU:C:2013:661, punt 50).

17 — Sentenzi Arnold André (C-434/02, EU:C:2004:800, punt 38), Swedish Match (C-210/03, EU:C:2004:802, punt 37), Il-Ġermanja vs Il-Parlament u Il-Kunsill (C-380/03, EU:C:2006:772, punti 46, 51 u 55) u Vodafone *et* (C-58/08, EU:C:2010:321, b'mod partikolari punt 39).

32. La l-prinċipju ta' attribuzzjoni tal-kompetenzi invokat mill-appellanti (l-ewwel sentenza tal-Artikolu 5(2) moqri flimkien mal-ewwel sentenza tal-Artikolu 5(1) TUE, li qabel kien l-Artikolu 5(1) KE) u lanqas l-għan ta' armonizzazzjoni skont l-Artikolu 95 KE ma jikkostitwixxu motivi validi sabiex ma jsirx riferiment, matul l-istħarriġ ġudizzjarju, għall-mument tal-adozzjoni tal-att inkwistjoni.

33. Huwa ċertament korrett, bħala prinċipju, li l-Kummissjoni għandha tippreżenta proposti ta' atti leġiżlattivi lill-Parlament u lill-Kunsill, unikament jekk ikun prevedibbli li fil-mument tal-approvazzjoni tagħhom min-naħa taż-żewġ koleġiżlaturi ser ikunu ssodisfatti l-kundizzjonijiet kollha sabiex isir riferiment għall-Artikolu 95 KE, u għalhekk anki n-neċessità ta' miżura ta' armonizzazzjoni fuq il-livell tal-Unjoni. Dan jirriżulta mir-responsabbiltà istituzzjonali tal-Kummissjoni (Artikolu 17(1) u (2) TUE), kif ukoll mill-obbligu tagħha ta' lealtà fil-konfront tal-istituzzjonijiet l-oħra tal-Unjoni (it-tieni sentenza tal-Artikolu 13(2) TUE) u tal-Istati Membri (l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(3) TUE). Madankollu, is-suġġett tal-istħarriġ ġudizzjarju fuq att leġiżlattiv ma huwiex l-azzjoni tal-istituzzjoni li ppreżentat il-proposta iżda dik tal-istituzzjoni li adottat l-att leġiżlattiv. Konsegwentement, quddiem il-qorti hemm bżonn li jittieħed inkunsiderazzjoni l-mument tal-adozzjoni tad-deċiżjoni min-naħa tal-Parlament u tal-Kunsill u mhux dak li fih il-Kummissjoni tat bidu għall-proċedura leġiżlattiva.

34. Jidhirli li hija infondata l-biża tal-appellanti li proposta, biex jingħad hekk frott tal-fantażija tal-Kummissjoni – li tixbah profezija li sseħħ kif imħabbar – tista' sa anki tiddetermina l-adozzjoni ta' dispożizzjonijiet leġiżlattivi u amministrattivi nazzjonali diverġenti u għalhekk minnha nfisha toħloq, fl-aħħar analiżi, il-kundizzjonijiet sabiex isir riferiment għall-Artikolu 95 KE. Huwa ħafna iktar probabbli li l-leġiżlaturi nazzjonali jonqsu milli jirregolaw qasam partikolari bi strumenti ta' dritt intern wara li l-Kummissjoni tkun ippreżentat proposta ta' miżura ta' armonizzazzjoni fuq livell tal-Unjoni.

35. Jista' għalhekk jiġi konkluż li l-Qorti Ġenerali ma wettqitx żbalji ta' liġi meta bbażat ruħha, sabiex tivverifika l-kundizzjonijiet skont l-Artikolu 95 KE, fuq il-mument tal-adozzjoni tar-Regolament bażiku minflok ma ħadet inkunsiderazzjoni l-mument tal-proposta tal-Kummissjoni.

2. Il-kundizzjonijiet sabiex isir riferiment għall-Artikolu 95 KE

36. Fit-tieni lok, l-appellanti jiddeduċu li l-kundizzjonijiet ta' applikazzjoni tal-Artikolu 95 KE ma kinux ġew issodisfatti fil-każ ineżami, indipendentement mill-mument meħud inkunsiderazzjoni. Tali kritika tinħass diġà fl-ewwel parti ta' dan l-ewwel aggravju ta' kontestazzjoni taħt forma ta' xi argumenti ċċitati sussidjarjament u tkompli fit-tieni parti. F'dan ir-rigward, jistgħu jiġu identifikati żewġ mistoqsijiet: jekk id-differenzi bejn id-dispożizzjonijiet leġiżlattivi u amministrattivi nazzjonali kinux suffiċjenti sabiex jinvokaw l-intervent tal-leġiżlatur tal-Unjoni (fil-punt li ġej, Sezzjoni a) u jekk il-kummerċ ta' prodotti dderivati mill-foki ġewwa l-Unjoni kienx daqshekk kunsiderevoli sabiex jiġġustifika miżura ta' armonizzazzjoni (ara l-punt *infra*, Sezzjoni b).

a) Differenzi bejn il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi nazzjonali (argument sussidjarju relatat mal-ewwel parti tal-ewwel aggravju)

37. Fil-fehma tal-appellanti, fil-mument tal-adozzjoni tar-Regolament bażiku – kif ukoll qabel il-mument tal-proposta tal-Kummissjoni – id-differenzi bejn il-leġiżlazzjonijiet nazzjonali fil-qasam ta' tqegħid fis-suq ta' prodotti dderivati mill-foki ma kinux suffiċjentement rilevanti sabiex jingħata bidu għal proċedura leġiżlattiva fis-sens tal-Artikolu 95 KE.

38. Dan l-argument ma huwiex konvinċenti.

39. Huwa korrett li jingħad, li l-miżuri previsti mill-Artikolu 95(1) KE, għandhom effettivament bħala għan li jtejbu l-kundizzjonijiet ta' stabbiliment u ta' funzjonament tas-suq intern [18].

40. Meta s-sempliċi konstatazzjoni ta' disparità bejn il-leġiżlazzjonijiet nazzjonali u tar-riskju astratt ta' ksur tal-libertajiet fundamentali jew ta' distorsjonijiet tal-kompetizzjoni li jistgħu jirriżultaw ma hijiex suffiċjenti sabiex tiġi ġġustifikata l-għażla tal-Artikolu 95 KE bħala bażi legali, il-leġiżlatur tal-Unjoni jkun jista' jagħmel użu minnu b'mod partikolari, fil-każ ta' differenzi bejn leġiżlazzjonijiet nazzjonali meta dawn huma ta' natura li jostakolaw il-libertajiet fundamentali u b'hekk ikollhom ukoll impatt dirett fuq il-funzjonament tas-suq intern [19] jew li joħolqu distorsjonijiet perċettibbli ta' kompetizzjoni [20].

41. Dan ir-regolament bażiku jissodisfa għal kollox dawn ir-rekwiżiti

42. Skont il-konstatazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali [21], li kontra tagħhom ma tqajmet ebda eċċezzjoni ta' żnaturament quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, diversi Stati Membri kienu adottaw jew kienu fil-proċess li jadottaw jew kienu qed jeżaminaw miżuri leġiżlattivi intiżi sabiex jirrestringu jew jipprekludu l-attivitajiet ekonomiċi marbuta mal-produzzjoni ta' prodotti dderivati mill-foki. Iktar preċiżament, fil-mument tal-approvazzjoni tar-Regolament bażiku, xi Stati Membri kienu diġà pprekludew it-tqegħid fis-suq ta' prodotti dderivati mill-foki u oħrajn kellhom l-intenzjoni li jadottaw id-dispożizzjonijiet f'dan is-sens, filwaqt li fi Stati Membri oħra l-kummerċ ta' dawn il-prodotti ma kien suġġett għal ebda limitazzjoni, tant li l-kundizzjonijiet kummerċjali ġewwa l-Unjoni kienu differenti u kien hemm possibbiltà ta' frammentazzjoni tas-suq intern.

43. Il-leġiżlatur tal-Unjoni jista' juża l-opportunità mogħtija mid-differenzi fil-leġiżlazzjonijiet nazzjonali applikabbli, li jsir riferiment għalihom diversi drabi fil-premessi tar-Regolament bażiku [22], għal miżura ta' armonizzazzjoni fuq livell tal-Unjoni. Fil-fatt, tali differenzi huma tali li jagħmlu iktar diffiċli l-kummerċ ta' prodotti ddderivati mill-foki fis-suq intern Ewropew [23]. Minbarra dan, fid-dawl tad-diverġenza fir-regolamenti nazzjonali kien jeżisti riskju li l-konsumaturi Ewropej anki jħarsu b'suspett lejn prodotti analogi mhux idderivati mill-foki, iżda li diffiċilment jistgħu jinstabu differenzi bejniethom [24].

44. L-Inuit Tapiriit Kanatami u l-koappellanti tagħha madankollu jikkritikaw il-fatt li l-Qorti Ġenerali, f'tali kuntest, irreferiet biss għal allegazzjonijiet estremament vagi u ġeneriċi li jinsabu fil-premessi tar-Regolament bażiku. Minbarra dan, il-Qorti Ġenerali kienet bi żball inkludiet fil-kunsiderazzjonijiet tagħha l-informazzjoni ppreżentata bil-miktub mill-Kummissjoni matul il-proċedura ġudizzjarja biss.

45. Anki din it-talba madankollu ma hijiex iġġustifikata.

46. Minn naħa, għandu jiġi osservat li l-motivazzjoni ta' att tal-Unjoni ta' portata ġenerali ma tkunx tista' tiġi suġġetta għall-istess rekwiżiti previsti mill-motivazzjoni tad-deċiżjonijiet tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni f'każijiet speċifiċi. Fil-każ ta' atti li jkollhom portata ġenerali, il-motivazzjoni tista' sempliċement tindika, minn naħa, is-sitwazzjoni globali li wasslet għall-adozzjoni tiegħu u, min-naħa l-oħra, l-għanijiet ġenerali li dan l-att huwa intiż li jilħaq; din il-motivazzjoni għandha turi essenzjalment il-qofol tal-għan segwit permezz ta' dan l-att [25].

18 — Sentenzi British American Tobacco (Investments) u Imperial Tobacco (C-491/01, EU:C:2002:741, punt 60), Ir-Renju Unit vs Il-Parlament u Il-Kunsill (C-217/04, EU:C:2006:279) u Vodafone *et* (C-58/08, EU:C:2010:321, punt 32).

19 — Sentenzi Il-Ġermanja vs Il-Parlament u Il-Kunsill (C-380/03, EU:C:2006:772, punt 37) u Vodafone *et* (C-58/08, EU:C:2010:321, punt 32).

20 — Sentenzi Il-Ġermanja vs Il-Parlament u Il-Kunsill (C-376/98, EU:C:2000:544, punti 84 u 106) u Vodafone *et* (C-58/08, EU:C:2010:321, punt 32).

21 — Ara b'mod partikolari l-punt 36 tas-sentenza appellata.

22 — Premessi 5, 6 u 7 tar-Regolament Nru 1007/2009.

23 — Premessa 6 tar-Regolament Nru 1007/2009.

24 — Premessi 7 u 10 tar-Regolament Nru 1007/2009.

25 — Sentenza AJD Tuna (C-221/09, EU:C:2011:153, punt 59).

47. Min-naħa l-oħra, skont ġurisprudenza stabbilita, l-istituzzjonijiet tal-Unjoni għandhom il-possibbiltà li jippreċiżaw fil-proċedura ġudizzjarja, fl-ambitu tal-argumenti tad-difiża tagħhom, il-motivi li huma l-bażi tal-att ikkontestat [26]. Minkejja li ma jistgħux jiġu "miżjuda" motivi għal kollox ġodda f'dan ir-rigward [27], madankollu xejn ma jimpedixxi li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni jipprovdu lill-qorti informazzjoni ġenerali dwar att leġiżlattiv li tippermettilha tistħarreġ il-fondatezza tal-motivi tal-adozzjoni ta' tali att iċċitati fil-preambolu tiegħu u għaldaqstant, fl-aħħar analiżi, li tevalwa aħjar il-legalità tiegħu.

48. Dan huwa dak li fil-fatt seħħ hawnhekk. Mingħajr ma bbażat ruħha fuq motivi ġodda, il-Kummissjoni, fin-nota tagħha ppreżentata fl-ewwel istanza, indikat biss liema Stati Membri f'liema mument kienu adottaw jew ħadu inkunsiderazzjoni l-fatt li jadottaw fil-liġijiet nazzjonali tagħhom projbizzjonijiet ta' tqegħid fis-suq ta' prodotti dderivati mill-foki.

49. Minbarra dan, il-Qorti Ġenerali [28] osservat korrettament li la l-formulazzjoni u l-anqas l-għanijiet tal-Artikolu 95 KE ma jippreżupponu numru minimu ta' Stati Membri li d-dispożizzjonijiet nazzjonali tagħhom għandhom ivarjaw waħda mill-oħra sabiex ikunu jistgħu jiġu adottati miżuri ta' armonizzazzoni fuq livell tal-Unjoni.

50. Diversament minn dak li l-Inuit Tapiriit Kanatami u l-koappellanti tagħha jidhru li jikkunsidraw, is-sempliċi ċirkustanza li fil-bidu tal-proċedura leġiżlattiva żewġ Stati Membri [29] biss kienu introduċew projbizzjonijiet fid-dritt intern fir-rigward ta' prodotti dderivati mill-foki ma tipprekludix applikazzjoni tal-Artikolu 95 KE [30].

51. Fil-fatt il-kundizzjonijiet għal intervent tal-leġiżlatur tal-Unjoni skont l-Artikolu 95 KE ma humiex kwantitattivi, iżda kwalitattivi. Għall-finijiet tal-adozzjoni ta' miżura ta' armonizzazzjoni ma huwiex daqshekk rilevanti, jekk u f'kemm-il Stat Membru prodott partikolari huwa suġġett għal regoli jew anki huwa pprojbit. Kull tfixkil eżistenti fis-suq intern, kemm jekk eżistenti jew konkretament prevedibbli, jista' jiġġustifika miżura ta' armonizzazzjoni, bil-kundizzjoni li l-prinċipji ġenerali għall-eżerċizzju tal-awtorità ta' armonizzazzjoni – b'mod partikolari l-prinċipji ta' sussidjarjetà u ta' proporzjonalità (Artikolu 5(3) u (4) TUE) – jiġu osservati.

52. Ma dan inżid li, indipendentement mill-eżistenza jew ineżistenza fid-diverġenza bejn id-dispożizzjonijiet nazzjonali, armonizzazzjoni fuq livell tal-Unjoni tista' wkoll tkun neċessarja meta prodott partikolari ġdid li jkun inħoloq reċentement ma jkunx preżenti fis-suq u lanqas ma jkun suġġett għal sistemi ta' kummerċ fl-Ewropa, peress li għandu jiġi stabbilit kuntest leġiżlattiv uniformi minn qabel.

53. Bħala konklużjoni ma nara ebda sinjal ta' żball ta' liġi mill-Qorti Ġenerali fl-eżami taċ-ċirkustanzi li ġġustifikaw, fil-każ ineżami, ir-riferiment għall-Artikolu 95 KE.

26 — Sentenza Stora Kopparbergs Bergslags vs Il-Kummissjoni (C-286/98 P, EU:C:2000:630, punt 61); fl-istess sens ukoll is-sentenzi Präsident Ruhrkohlen-Verkaufsgesellschaft *et* vs L-Awtorità Għolja (36/59 sa 38/59 u 40/59, EU:C:1960:36, b'mod partikolari paġni 926 u 927) Picciolo vs Il-Parlament (111/83, EU:C:1984:200, punt 22).

27 — Sentenzi Michel vs Il-Parlament (195/80, EU:C:1981:284, punt 22), Dansk Rørindustri *et* vs Il-Kummissjoni (C-189/02 P, C-202/02 P, C-205/02 P sa C-208/02 P u C-213/02 P, EU:C:2005:408, punt 463), Elf Aquitaine vs Il-Kummissjoni (C-521/09 P, EU:C:2011:620, punt 149) u Alliance One International u Standard Commercial Tobacco vs Il-Kummissjoni (C-628/10 P u C-14/11 P, EU:C:2012:479, punt 74).

28 — Punt 51 tad-deċiżjoni kkontestata.

29 — Il-Belġju u Il-Pajjiżi l-Baxxi.

30 — Fl-istess sens is-sentenzi Arnold André (C-434/02, EU:C:2004:800, punt 38) u Swedish Match (C-210/03, EU:C:2004:802, punt 37).

b) Importanza tal-volum ta' kummerċ inkwistjoni għall-finijiet ta' intervent fis-sens tal-Artikolu 95 KE (it-tieni parti tal-ewwel aggravju)

54. Min-naħa l-oħra, fil-kuntest ta' dan l-ewwel aggravju, l-appellanti jsostnu li l-Qorti tal-Ġustizzja kienet applikat kriterju żbaljat sabiex tevalwa l-eżistenza ta' differenza bejn id-dispożizzjonijiet nazzjonali fir-rigward tal-kummerċ ta' prodotti dderivati mill-foki fejn affermat, fi tmiem il-punt 56 tas-sentenza appellata, li dawn huma prodotti "li għalihom il-kummerċ bejn Stati Membri ċertament ma huwiex negliġibbli".

55. Diversament minn dak li l-Parlament jidher li jikkunsidra, din it-talba ma hijiex intiża, biex jingħad hekk, bħala tentattiv li tiġi kkontestata l-evalwazzjoni tal-fatti u tal-provi mwettqa mill-Qorti Ġenerali, li jkun inammissibbli fil-proċedura ta' appell. Pjuttost din hija kwistjoni dwar jekk, matul l-eżami tal-legalità tad-deċiżjoni kkontestata, il-Qorti Ġenerali applikatx kriterji ġuridiċi korretti u jekk waslitx għal konklużjonijiet ġuridiċi rilvanti tal-fatti kkonstatati. L-eżami mill-ġdid ta' dan, huwa mingħajr dubju waħda mill-funzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja f'appell [31].

56. Fil-qofol, l-appellanti jallegaw li l-Qorti Ġenerali applikat rekwiżiti għall-adozzjoni ta' miżuri ta' armonizzazzjoni min-naħa tal-leġiżlatur tal-Unjoni li ma kinux stretti biżżejjed. Filwaqt li jagħmlu riferiment għall-formulazzjoni f'xi sentenzi preċedenti tal-Qorti tal-Ġustizzja, huma jsostnu li l-Artikolu 95 KE japplika biss bħala bażi leġiżlattiva fir-rigward ta' suq fejn il-kummerċ bejn l-Istati Membri "huwa relattivament kbir [32]" jew – fi kliem ieħor – li fih dan il-kummerċ "huwa relattivament sinjifikattiv" [33].

57. Jidhirli li dawn it-talbiet huma bbażati fuq interpretazzjoni żbaljata doppja.

58. Minn naħa, il-Qorti Ġenerali bl-osservazzjonijiet tagħha dwar il-"kummerċ mhux negliġibbli" li qed jiġu kkontestati, ma kellhiex l-intenzjoni li tistabbilixxi kriterju speċifiku għall-applikazzjoni tal-Artikolu 95 KE, iżda sempliċement wieġbet speċifikament argument, li l-Inuit Tapiriit Kanatami u l-koappellanti tagħha stess kienu ressqu fl-ewwel istanza. Huma fil-fatt kienu sostnew li l-produzzjoni fl-Unjoni ta' prodotti dderivati mill-foki hija "negliġibbli" [34].

59. Fost oħrajn it-talba tal-appellanti hija bbażata fuq interpretazzjoni żbaljata tal-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja rigward l-Artikolu 95 KE. Minkejja li huma minnu li l-Qorti tal-Ġustizzja kemm-il darba kkunsidrat in-natura "relattivament sinjifikattiv[a]" jew il-"parti relativament importanti" fil-kummerċ tal-prodotti inkwistjoni [35], hija kienet sempliċement ikkunsidrat evalwazzjoni partikolari taċ-ċirkustanzi tal-każijiet ineżami partikolari u mhux dwar ir-rekwiżit legali mitlub mil-leġiżlatur tal-Unjoni sabiex isir riferiment għall-Artikolu 95 KE li kellu jiġi ssodisfatt.

60. Il-kompetenza ġenerali ta' armonizzazzjoni tas-suq intern (Artikolu 95 KE, li issa sar l-Artikolu 114 TFUE) ma tirrikonoxxix limitu ta' *de minimis* tali li tipprekludi lil-leġiżlatur tal-Unjoni milli jadotta miżuri ta' armonizzazzjoni li jikkonċernaw il-prodott inkwistjoni taħt il-volum kummerċjali minimu [36].

31 — Sentenzi Sumitomo Metal Industries u Nippon Steel vs Il-Kummissjoni (C-403/04 P u C-405/04 P, EU:C:2007:52, punt 40), Bertelsmann u Sony Corporation of America vs Impala (C-413/06 P, EU:C:2008:392, punt 117), Solvay vs Il-Kummissjoni (C-109/10 P, EU:C:2011:686, punt 51) u Il-Kummissjoni vs Stichting Administratiekantoor Portielje (C-440/11 P, EU:C:2013:514, punt 59).

32 — Sentenzi British American Tobacco (Investments) u Imperial Tobacco (C-491/01, EU:C:2002:741, punt 64), Arnold André (C-434/02, EU:C:2004:800, punt 39) u Swedish Match (C-210/03, EU:C:2004:802, punt 38).

33 — Sentenza Il-Ġermanja vs Il-Parlament u Il-Kunsill (C-380/03, EU:C:2006:772, punt 53).

34 — Ara l-punt 55 tas-sentenza appellata.

35 — Ara f'dan ir-rigward is-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq fin-noti ta' qiegħ il-paġna 30 u 31.

36 — Il-ġurisprudenza sa llum irrikonoxxiet tip ta' limitu *de minimis* unikament fir-rigward tal-ammont tal-ksur tal-libertajiet fundamentali u mhux tal-importanza tal-volum tal-kummerċ inkwistjoni; ara, pereżempju, is-sentenzi CMC Motorradcenter (C-93/92, EU:C:1993:838, punt 12), Graf (C-190/98, EU:C:2000:49, punt 25) u Il-Kummissjoni vs Spanja (C-211/08, EU:C:2010:340, punt 72).

61. Minn naħa, fid-dawl tad-diversi swieq tal-prodotti fl-Ewropa, dan il-limitu *de minimis* diffiċilment li jista' jiġi ddefinit b'mod ġenerali u għaldaqstant ikun jista' jinkludi inċertezza legali serja. Min-naħa l-oħra, jeżisti riskju serju li jinħoloq "suq intern ta' klassi inferjuri" li fih ikun hemm biss prodotti sinjifikattivi bi volum ta' kummerċ kbir li jkunu jistgħu jibbenefikaw minn kuntest leġiżlattiv uniformi applikabbli fl-Unjoni kollha, filwaqt li l-kummerċ ta' prodotti inqas sinjifikattivi jbati minn riperkussjonijiet negattivi. Tali sitwazzjoni tista' tmur kontra prodotti partikolari li nħolqu reċentement, li jkun għad għandhom volum limitat ta' kummerċ u li jeħtieġu, fejn huwa possibbli, kuntesti leġiżlattivi uniformi sabiex dawn jippenetraw is-suq.

62. L-Artikolu 95 KE bl-ebda mod ma jeskludi approssimazzjoni tad-dispożizzjonijiet leġiżlattivi u amministrattivi tal-Istati Membri min-naħa tal-leġiżlatur tal-Unjoni fir-rigward ta' prodotti li ma għandhomx volum ta' kummerċ sinjifikattiv, bil-kundizzjoni li l-prinċipji ġenerali relatati mal-eżerċizzju tas-setgħat ta' armonizzazzjoni – b'mod partikolari l-prinċipju ta' sussidjarjetà u ta' proporzjonalità (Artikolu 5(3) u (4) TUE) – jiġu osservati.

3. Konklużjoni intermedjarja

63. Bħala konklużjoni, l-ewwel aggravju għandu jiġi miċħud fl-intier tiegħu.

C – *Fuq id-drittijiet fundamentali (it-tieni aggravju)*

64. Permezz tat-tieni aggravju tagħhom, l-Inuit Tapiriit Kanatami u l-koappellanti tagħha jsostnu li fl-opinjoni tagħhom il-Qorti Ġenerali wettqet tliet żbalji ta' liġi fil-kuntest tal-prinċipji ġenerali tad-drittijiet ta' natura fundamentali.

1. Ir-riferiment għall-KEDB (l-ewwel parti tat-tieni aggravju)

65. L-ewwel nett, fil-kuntest ta' dan it-tieni appell, l-appellanti jikkritikaw il-fatt li l-Qorti Ġenerali bbażat ruħha biss fuq il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropa (iktar 'il quddiem il-"Karta") [37], iżda mhux fuq il-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (iktar 'il quddiem il-"KEDB") bħala sors ta' prinċipji ġenerali ta' dritt ta' natura fundamentali. Huma jallegaw li l-Qorti Ġenerali "interpretat mill-ġdid" l-argument tagħhom dwar il-KEDB imressaq fl-ewwel istanza. Huma jqisu dan bħala żball ta' liġi.

66. F'dan ir-rigward għandu jiġi osservat li l-KEDB fiha nnifisha ma tagħmilx parti mid-dritt tal-Unjoni peress li hija, bħala strument tad-dritt għadha ma hijiex formalment integrata fl-ordinament ġuridiku tal-Unjoni [38]. Għalhekk din il-Konvenzjoni minnha nfisha ma tistax sal-lum tiġi applikata bħala kriterju għall-eżami tal-legalità ta' atti tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni.

67. Minflok, il-Qorti Ġenerali kienet aġixxiet b'mod għal kollox legali f'dan il-każ meta bbażat ruħha fuq il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali li, mid-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona fl-1 ta' Diċembru 2009, għandha status Kostituzzjonali (l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(1) TUE) u saret is-sors ta' drittijiet fundamentali l-iktar sinjifikattiv tad-dritt tal-Unjoni [39].

37 — Ara, f'dan ir-rigward, b'mod partikolari, il-punt 105 tas-sentenza appellata.

38 — Sentenzi Schindler Holding *et* vs Il-Kummissjoni (C-501/11 P, EU:C:2013:522, punt 2) u Åkerberg Fransson (C-617/10, EU:C:2013:105, punt 44) kif ukoll Opinjoni 2/13 (EU:C:2014:2454, punt 179).

39 — Fl-istess sens, is-sentenzi Otis *et* (C-199/11, EU:C:2012:684), Chalkor vs Il-Kummissjoni (C-386/10 P, EU:C:2011:815) u Schindler Holding *et* vs Il-Kummissjoni (C-501/11 P, EU:C:2013:522); ukoll fis-sentenza Sky Österreich (C-283/11, EU:C:2013:28) fejn il-Qorti tal-Ġustizzja sempliċement irreferiet għad-dispożizzjonijiet tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, minkejja li l-kwistjoni li tressqet quddiemha kienet tagħmel riferiment ukoll għall-Ewwel Protokoll Addizzjonali tal-KEDB.

68. F'dak li jikkonċerna l-KEDB, din tkompli tissodisfa, fil-fatt, żewġ funzjonijiet importanti għall-ħarsien tad-drittijiet fundamentali fuq livell tal-Unjoni: minn naħa, tipprovdi informazzjoni dwar is-sens u l-portata tad-drittijiet fundamentali stabbiliti mill-Karta, fejn dawn tal-aħħar jikkorrispondu ma' dawk iggarantiti mill-KEDB (l-ewwel sentenza tal-Artikolu 52(3) tal-Karta). Min-naħa l-oħra, din hija u tibqa' l-iktar sors importanti ta' rikonoxximent ta' drittijiet fundamentali mhux miktuba li jagħmlu parti mid-dritt tal-Unjoni inkwantu prinċipji ġenerali (Artikolu 6(3) TUE). B'hekk il-KEDB tiddefinixxi fl-aħħar nett l-istandard minimu tal-ħarsien tad-drittijiet fundamentali li għandhom jiġu ggarantiti fuq livell tal-Unjoni [40] (ara wkoll l-Artikolu 53 tal-Karta).

69. F'dan il-każ madankollu ma jirriżultax ċar sa fejn dawn għandhom jirriżultaw mill-KEDB b'dan il-mod – jekk flimkien mal-Artikolu 6(3) TUE jew mal-ewwel sentenza tal-Artikolu 52(3) tal-Karta – rekwiżiti iktar rigorużi, għal-leġiżlatur tal-Unjoni, minn dawk li jirriżultaw mill-Karta, iċċitata mill-Qorti Ġenerali. Fl-aggravju tagħhom l-Inuit Tapiriit Kanatami u l-koappellanti tagħha ma kienu għamlu ebda affermazzjoni f'dan ir-rigward. Anki waqt is-seduta huma ma pprovdew ebda kjarifika għal talba espliċita f'dan ir-rigward.

70. Għalhekk ma huwiex ċar x'valur miżjud kellu jingħata fil-każ ineżami r-riferiment tal-Qorti Ġenerali għall-KEDB li l-appellanti jikkritikaw l-assenza tiegħu, u lanqas sa fejn din l-assenza ta' riferiment tista' twassal għall-annullament tas-sentenza appellata.

71. F'dan il-kuntest, naqbel mal-Parlament fuq il-fatt li l-argument tal-appellanti dwar il-KEDB huwa ineffettiv (bil-Franċiż: "inopérant"). Minn dan isegwi li l-ewwel parti ta' dan it-tieni aggravju hija infondata [41].

2. Il-kunsiderazzjonijiet ta' interessi kummerċjali fil-kuntest tad-dritt fundamentali għall-protezzjoni tal-proprjetà (it-tieni parti tat-tieni aggravju)

72. Fit-tieni lok, l-appellanti jsostnu fil-kuntest ta' dan it-tieni aggravju li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta eskludiet l-interessi kummerċjali mill-ambitu ta' protezzjoni tad-dritt għall-proprjetà.

73. Anki dan l-argument huwa infondat.

74. Skont ġurisprudenza stabbilita, il-protezzjoni mogħtija mid-dritt għall-proprjetà ggarantita mid-dritt tal-Unjoni, kif stabbilit illum fl-Artikolu 17 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ma tirrigwardax biss is-sempliċi interessi jew opportunitajiet kummerċjali, li n-natura aleatorja tagħhom tifforma parti sħiħa mis-sustanza stess tal-attività ekonomika [42]. Operatur ekonomiku lanqas ma jista' jsostni li għandu dritt miksub jew anki aspettattivi leġittimi fiż-żamma ta' sitwazzjoni eżistenti li tista' tinbidel permezz ta' atti tal-leġiżlatur tal-Unjoni [43].

40 — F'dan ir-rigward ara wkoll il-konklużjonijiet tiegħi ppreżentati fil-kawża Akzo Nobel Chemicals u Akcros Chemicals vs Il-Kummissjoni (C-550/07 P, EU:C:2010:229, punt 143) kif ukoll l-fehma tiegħi fl-Opinjoni 2/13 (EU:C:2014:2475, punt 203).

41 — Ser nikkunsidra l-argument tal-appellanti, li l-protezzjoni tal-interessi kummerċjali huma iktar enfasizzati fil-KEDB milli fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, fl-ambitu tat-tieni parti tat-tieni aggravju (ara f'dan ir-rigward *infra*, punti 72 sa 82 ta' dawn il-konklużjonijiet).

42 — Sentenzi Nold vs Il-Kummissjoni (4/73, EU:C:1974:51, punt 14), FIAMM *et* vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni (C-120/06 P u C-121/06 P, EU:C:2008:476, punt 185) u Sky Österreich (C-283/11, EU:C:2013:28, punt 34).

43 — Sentenzi Faust vs Il-Kummissjoni (52/81, EU:C:1982:369, punt 27), Swedish Match (C-210/03, EU:C:2004:802, punt 73) u Alliance for Natural Health *et* (C-154/04 u C-155/04, EU:C:2005:449, punt 128).

75. Xejn differenti ma jirriżulta mill-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll Addizzjonali tal-KEDB li għandu jittieħed inkunsiderazzjoni fid-dawl tal-ewwel sentenza tal-Artikolu 52(3) tal-Karta u tal-Artikolu 6(3) TFUE. Fil-fatt, il-garanzija għall-proprjetà stabbilita fihom, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ma tikkontempla ebda protezzjoni ta' sempliċi prospettiva ta' qligħ [44].

76. Huwa tassew minnu li, abbażi tal-ġurisprudenza ta' Strasbourg, f'ċirkustanzi partikolari, jaqgħu taħt it-twettiq ta' protezzjoni predisposta tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll Addizzjonali tal-KEDB anki l-aspettattivi leġittimi għall-konkretizzazzjoni fil-futur ta' talbiet patrimonjali [45]. Madankollu, l-Inuit Tapiriit Kanatami u l-koappellanti tagħha ma jistgħux jinvokaw dawn l-aspettattivi leġittimi f'dan il-każ. Fil-fatt, it-talba tagħhom hija bbażata esklużivament fuq ix-xewqa suġġettiva li fil-futur ikunu jistgħu jkomplu jikkummerċjalizzaw fis-suq intern Ewropew prodotti dderivati mill-foki bl-istess ammont bħal ma kienu għamlu fil-passat. Minflok, huma ma għandhom ebda awtorizzazzjoni, teħid ta' impenn jew kwalunkwe sitwazzjoni legali li fuqha jistgħu jibbażaw l-aspettattivi tagħhom ta' dawn l-attivitajiet kummerċjali futuri [46]. Anki wara talba fformulata waqt is-seduta, huma ma setgħu jipprovdu ebda indikazzjoni speċifika.

77. Anki d-diversi sentenzi tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, invokati mill-appellanti fl-appell ma jwasslux għal konklużjonijiet differenti. Fil-fatt is-suġġett ta' dawn is-sentenzi, – b'mod mhux konformi ma' dan il-każ – kien ferm iktar wiesa' minn sempliċi prospettiva ta' qligħ min-naħa tal-impriżi. L-argument prinċipali f'dan il-każ kien ikkostitwit minn, *inter alia*, liċenzji u klijentela, jiġifieri, minn drittijiet miksuba u għalhekk minn pożizzjonijiet patrimonjali relatati ma' impriża li kienet tisfrutta l-valur kummerċjali tagħhom [47].

78. Wara kollox ma jistax ikun hemm argument li s-sentenza appellata ma kkunsidratx l-standard minimu għall-protezzjoni tal-proprjetà li jirriżulta mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Il-Qorti Ġenerali ma wettqitx żball ta' liġi meta ddeċidiet li tirrifjuta li tikkunsidra bħala inklużi fil-protezzjoni mogħtija mid-dritt għall-proprjetà, is-sempliċi aspettattivi tal-Inuit Tapiriit Kanatami u tal-koappellanti tagħha li jkunu jistgħu jkomplu jqiegħdu fis-suq intern Ewropew il-prodotti dderivati mill-foki tal-istess volum attwali [48].

79. Għalhekk it-tieni parti tat-tieni aggravju hija wkoll infondata.

a) Osservazzjonijiet addizzjonali dwar il-libertà ta' impriża

80. Fil-każ li, l-Inuit Tapiriit Kanatami u l-koappellanti tagħha minn issa, fl-istadju tal-appell, jixtiequ jinvokaw ukoll id-dritt fundamentali għal-libertà ta' impriża (Artikolu 16 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali) [49], l-argument tagħhom jirriżulta inammissibbli minħabba żewġ raġunijiet.

44 — Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, sentenzi tat-13 ta' Ġunju 1979, Marckx vs Il-Belġju (Rikors Nru 6833/74, Serje A Nru 31, punt 50), tal-11 ta' Jannar 2007, Anheuser-Busch vs Il-Portugall (Rikors Nru 73049/01, Ġabra tas-sentenzi u tad-deċiżjonijiet 2007-I, punt 64), u tat-13 ta' Marzu 2012, Malik vs Ir-Renju Unit (Rikors Nru 23780/08, punt 93).

45 — Ara, pereżempju, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, sentenzi tal-20 ta' Novembru 1995, Pressos Compania Naviera vs Il-Belġju (Rikors Nru 17849/91, Serje A Nru 322, punt 31), u tas-6 ta' Ottubru 2005, Maurice vs Franza (Rikors Nru 11810/03, Ġabra tas-sentenzi u tad-deċiżjonijiet 2005-IX, punt 63).

46 — Ara f'dan is-sens ukoll il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, is-sentenzi Maurice vs Franza (ċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 45, punti 65 u 66) u tat-12 ta' Lulju 2001, Prinċep Hans-Adam II ta' Liechtenstein vs Il-Ġermanja (Rikors Nru Nru 42527/98, Ġabra tas-sentenzi u tad-deċiżjonijiet 2001-VIII, punti 83 sa 87).

47 — Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, sentenzi tas-7 ta' Lulju 1989, Tre Traktörer vs L-Isvezja (Rikors Nru 10873/84, Serje A Nru 159, punt 53), tas-26 ta' Ġunju 1986, Van Marle *et* vs Il-Pajjiżi l-Baxxi (Rikors Nru 8543/79 *et*, Serje A Nru 101), tal-25 ta' Marzu 1999, Iatridis vs Il-Greċja (Rikors Nru 31107/96, Ġabra tas-sentenzi u tad-deċiżjonijiet 1999-II, punti 54 u 55), tas-7 ta' Ġunju 2012, Centro Europa 7 u Di Stefano vs L-Italja (Rikors Nru 38433/09, Ġabra tas-sentenzi u tad-deċiżjonijiet 2012, punti 178 u 179), kif ukoll is-sentenza Malik vs Ir-Renju Unit (ċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 41, punt 93).

48 — Ara, b'mod partikolari, il-punt 109 tas-sentenza appellata.

49 — Dan huwa dak li jħalli x'jinftiehem ir-riferiment tagħhom għas-sentenza Alliance for Natural Health *et* (C-154/04 u C-155/04, EU:C:2005:449, punt 127).

81. Minn naħa, l-eżami ta' dan id-dritt fundamentali jwassal għal estensjoni tas-suġġett tat-tilwima diskuss fl-ewwel istanza [50].

82. Fost oħrajn hemm lok li jitfakkar, li l-libertà ta' impriża ma hijiex dritt assolut, iżda għandha tittieħed inkunsiderazzjoni fid-dawl tal-funzjoni tagħha fis-soċjetà. Hija tista' tiġi suġġetta għal firxa wiesgħa ta' interventi min-naħa tal-awtoritajiet pubbliċi li jistgħu jistabbilixxu, fl-interess ġenerali, limiti għall-eżerċizzju tal-attività ekonomika [51]. Il-kontestazzjoni proposta mill-Inuit Tapiriit Kanatami u mill-koappellanti tagħha fl-ebda punt ma tikkunsidra dan l-aspett, lanqas b'mod inċidentali. Isegwi li l-argument tagħhom dwar il-libertà ta' impriża jibqa' vag wisq sabiex jiġi evalwat b'mod xieraq mill-Qorti tal-Ġustizzja [52].

3. It-teħid inkunsiderazzjoni tad-Dikjarazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-drittijiet tal-popli indiġeni (it-tielet parti tat-tieni aggravju)

83. Fl-aħħar nett, fil-kuntest tat-tieni aggravju, l-Inuit Tapiriit Kanatami u l-koappellanti tagħha jilmentaw li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi billi "ma eżaminatx ir-Regolament Bażiku fid-dawl tal-Artikolu 19 tad-Dikjarazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Popli Indiġeni"

a) Ammissibbiltà

84. Għalkemm il-formulazzjoni ta' dan l-ilment ma hijiex eżempju perfett taċ-ċarezza, madankollu – bid-differenza tal-Parlament – tinftiehem biżżejjed sabiex effettivament titressaq bħala motiv fl-appell. Fil-qofol dan jikkontesta lill-Qorti Ġenerali li hija ma ħaditx kunsiderazzjoni kif kien mistħoqq id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 19 tad-DNUDPI fil-każ tal-eżami tal-legalità tar-Regolament bażiku.

85. Madankollu t-tielet parti tat-tieni aggravju hija inammissibbli, sa fejn hija tagħmel riferiment għad-dritt internazzjonali konswetudinarju. Dan minħabba li dan l-aspett ma kienx is-suġġett ta' proċedura tal-ewwel istanza quddiem il-Qorti Ġenerali. Hekk kif il-Parlament korrettament osserva, l-Inuit Tapiriit Kanatami u l-koappellanti tagħha ma jistgħux jirreferu għad-dritt internazzjonali konswetudinarju wkoll fl-appell [53]. Fil-każ fejn il-Qorti tal-Ġustizzja madankollu kellha tikkunsidra l-affermazzjonijiet tal-appellanti dwar id-dritt internazzjonali konswetudinarju bħala sempliċi approfondiment tal-argument tagħhom imressaq mill-ewwel istanza [54], minħabba raġunijiet ta' kompletezza ser inkompli nitkellem dwar dan l-aspett iktar 'il quddiem.

b) Il-mertu

86. Bħala prinċipju, skont l-Artikolu 3(5) TUE, l-Unjoni għandha tikkontribwixxi għall-osservanza stretta u għall-iżvilupp tad-dritt internazzjonali. Konsegwentement, meta hija tadotta att, l-Unjoni hija marbuta li tirrispetta d-dritt internazzjonali kollu kemm hu, inkluż id-dritt internazzjonali konswetudinarju li jorbot lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni stess [55].

50 — Sentenza Groupe Gascogne vs Il-Kummissjoni (C-58/12 P, EU:C:2013:770, punt 35); ara wkoll is-sentenzi Dansk Rørindustri *et* vs Il-Kummissjoni (C-189/02 P, C-202/02 P, C-205/02 P sa C-208/02 P u C-213/02 P, EU:C:2005:408, punt 165), Alliance One International u Standard Commercial Tobacco vs Il-Kummissjoni (C-628/10 P u C-14/11 P, EU:C:2012:479, punt 111), kif ukoll Nexans u Nexans France vs Il-Kummissjoni (C-37/13 P, EU:C:2014:2030, punt 45).

51 — Sentenza Sky Österreich (C-283/11, EU:C:2013:28, punti 45 u 46).

52 — Ara f'dan is-sens is-sentenzi Lindorfer vs Il-Kunsill (C-227/04 P, EU:C:2007:490, punt 83), Schindler Holding *et* vs Il-Kummissjoni (C-501/11 P, EU:C:2013:522, punti 45 u 106) u MasterCard *et* vs Il-Kummissjoni (C-382/12 P, EU:C:2014:2201, punt 151).

53 — Ara f'dan ir-rigward, għal darb'oħra, il-ġurisprudenza ċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 47.

54 — Ara, fost l-oħrajn, is-sentenzi Scaramuzza vs Il-Kummissjoni (C-76/93 P, EU:C:1994:371, punt 18), Akzo Nobel *et* vs Il-Kummissjoni (C-97/08 P, EU:C:2009:536, punti 38 u 39) u Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (C-504/09 P, EU:C:2012:178, punti 35 u 36).

55 — Sentenza Air Transport Association of America *et* (C-366/10, EU:C:2011:864, punt 101).

87. Prima facie, jista' fil-fatt jidher li l-Artikolu 19 tad-DNUDPI meta jagħmel riferiment għall-"kunsens liberu, preliminari u informat" jagħti lill-popli indiġeni tip ta' dritt ta' veto kontra miżuri leġiżlattivi u amministrattivi li jista' jkollhom riperkussjonijiet fuq tali popli.

88. Madankollu, permezz ta' analiżi iktar iddettaljata, ma jirriżultax mid-DNUDPI li l-leġiżlatur tal-Unjoni seta' kiser regola vinkolanti tad-dritt internazzjonali, meta adotta r-Regolament bażiku.

89. Fl-ewwel lok, Riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, bħal dik li permezz tagħha ġiet ipproklamata solonnement id-DNUDPI, minnha nfisha hija nieqsa minn effetti legali vinkolanti. Sempliċi ħarsa lejn il-preambolu tad-DNUDPI tikkonferma li dan huwa l-każ. Abbażi ta' dan, fil-fatt, din id-dikjarazzjoni ma hijiex ikkunsidrata bħala vera dispożizzjoni tad-dritt vinkolanti, iżda "*għan* li għandu jitfittex fi spirtu ta' sħubija u ta' rispett reċiproku"[56]. Konsegwentement, din id-dikjarazzjoni ma hijiex dispożizzjoni tad-dritt iżda dokument politiku u għalhekk, ikkunsidrat waħdu, li ma huwiex xieraq sabiex jiġi applikat bħala kriterju għall-eżami tal-legalità ta' atti tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni.

90. Fit-tieni lok, ma tistax tinstab fid-DNUDPI – kuntrarjament għal dak li jsostnu l-appellanti – kodifikazzjoni tad-dritt internazzjonali konswetudinarju. Kif huwa magħruf sew, biex jinħoloq id-dritt internazzjonali konswetudinarju hemm bżonn ta' prassi ġenerali segwita mill-persuni suġġetti kkonċernati tad-dritt internazzjonali (*consuetudo*; element oġġettiv) li tiġi rikonoxxuta bħala regola ġuridika (*opinio iuris sive necessitatis*; element suġġettiv)[57]. Madankollu din l-ipoteżi hija eskluża f'dan il-każ. Huwa minnu li r-Riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali, li permezz tagħha ġiet ipproklamata solonnement id-DNUDPI ġiet sostnuta minn maġġoranza kbira fost l-Istati Membri tan-Nazzjonijiet Uniti. Madankollu jibqa' l-fatt li xi Stati Membri sinjifikattivi, li fihom jgħixu l-komunitajiet indiġeni, ivvotaw espliċitament kontra r-riżoluzzjoni jew saħansitra astjenew ruħhom[58]. F'dan il-kuntest – tal-inqas fil-mument tal-adozzjoni tar-Regolament bażiku approvat biss madwar sentejn wara l-proklamazzjoni solenni tad-DNUDPI – ma jistgħux jiġu kkunsidrati eżistenti prassi ġenerali u konvinzjoni ġuridika tal-persuni suġġetti kkonċernati tad-dritt internazzjonali fir-rigward tad-drittijiet tal-popli indiġeni.

91. Fit-tielet lok ma jistgħux jitnisslu effetti legali vinkolanti tad-DNUDPI fir-rigward tal-Unjoni anki jekk isir riferiment għall-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja ċċitata mill-appellanti, kif imfissra fil-kawżi NTN Toyo Bearing, Fediol u Nakajima. Fil-fatt, dan il-każ ma huwiex paragunabbli ma' dawk il-kawżi:

— Id-DNUDPI ma tikkostitwixxix kuntest leġiżlattiv ġenerali u vinkolanti (ko)deċiżiv tal-istess Unjoni fis-sens tas-sentenza NTN Toyo Bearing[59], li l-leġiżlatur kien obbligat li josserva rigorożament fl-adozzjoni tal-projbizzjoni ta' tqegħid fis-suq ta' prodotti ddrerivati mill-foki.

56 — Ara l-aħħar premessa tal-preambolu tad-DNUDPI (korsiv miżjud minni).

57 — Ara b'mod partikolari is-sentenzi tal-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja tal-20 ta' Frar 1969 fil-kawżi magħquda Blata kontinentali tal-Baħar tat-Tramuntana (Il-Ġermanja vs Il-Pajjiżi l-Baxxi u Il-Ġermanja vs Id-Danimarka), *C.I.J. Recueil* 1969, p. 4 (punt 77), u tas-27 ta' Ġunju 1986 fil-kawża Attivitajiet militari u paramilitari ġewwa u kontra n-Nikaragwa (in-Nikaragwa vs L-Istati Uniti tal-Amerika), *C.I.J. Recueil* 1986, p. 14 (punti 183 u 184).

58 — Ir-Riżoluzzjoni 61/295 ġiet approvata bi 143 vot favur, 4 kuntrarji u 11-il astensjoni (*Official Records of the General Assembly*, Sixty-First Session, Supplement Nru 53, A/61/53, l-ewwel parti, Kapitolu II, Sezzjoni A). Il-voti kuntrarji ġew espressi mill-Awstralja, il-Kanada, in-New Zealand, u l-Istati Uniti tal-Amerika; fost il-pajjiżi li astjenew insibu, *inter alia*, il-Bangladexx, il-Kenja, il-Kolombja, in-Niġerja u l-Federazzjoni Russa.

59 — Sentenza NTN Toyo Bearing *et* vs Il-Kunsill (113/77, EU:C:1979:91, punt 21).

— B'mod analogu, ma teżistix fil-każ ineżami sitwazzjoni paragunabbli għal dik tal-kawża Fediol [60]. Huwa minnu li r-Regolament bażiku, f'punt fil-preambolu tiegħu [61], jirreferi espliċitament għad-DNUDPI. B'dan ir-riferiment, madankollu, ma hemm bl-ebda mod l-għan li jingħata lill-individwi partikolari drittijiet li jirriżultaw mill-Artikolu 19 tad-DNUDPI u li jistgħu jiġu invokati quddiem il-qrati.

— Fl-aħħar nett, ir-Regolament bażiku lanqas ma huwa intiż ġeneralment għat-twettiq tal-obbligi internazzjonali tal-Unjoni, bħal min-naħa l-oħra fil-kawża Nakajima [62]. Fil-fatt, kif ġie osservat, id-DNUDPI ma fiha ebda dispożizzjoni vinkolanti fuq livell ġuridiku għall-azzjoni tal-Unjoni jew tal-Istati Membri tagħha.

92. Huwa żgur li, il-fatt li d-DNUDPI ma għandhiex il-karatteristiċi ta' "*hard law*" ma għandux iwassal għall-konklużjoni żbaljata li din id-dikjarazzjoni ma għandha ebda rilevanza għall-istituzzjonijiet tal-Unjoni. Fil-fatt, fin-natura tagħha bħala "*soft law*" [63] hija għandha valur tal-inqas ta' rakkomandazzjoni u, minbarra dan, piż politiku li ma jistax jiġi injorat. Dan huwa tant minnu peress li d-DNUDPI ġiet ipproklamata solonnement taħt forma ta' riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, kif ukoll ġiet sostnuta minn diversi Stati, fosthom ukoll l-Istati Membri kollha tal-Unjoni.

93. Ir-rispett għan-Nazzjonijiet Uniti (it-tieni sentenza tal-Artikolu 3(5) TUE), fl-istess livell bħal-lealtà tal-Unjoni fir-rigward tal-Istati Membri tagħha stess (l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(3) TUE) jimponu li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni jieħdu inkunsiderazzjoni l-kontenut tad-DNUDPI u li jeħduha inkunsiderazzjoni fl-eżerċizzju tas-setgħat tagħhom l-iktar wiesgħa possibbli, minkejja li din id-dikjarazzjoni ma tinkludi ebda dispożizzjoni vinkolanti fuq il-livell ġuridiku permezz tal-azzjoni tal-Unjoni.

94. Din l-"effettività bħala *soft law*" tad-DNUDPI ma ġiet bl-ebda mod injorata mill-Qorti Ġenerali. Anzi, din żgurat ruħha li l-leġiżlatur tal-Unjoni kien ħa inkunsiderazzjoni l-kontenut tad-DNUDPI. Skont ma ġie stabbilit fis-sentenza appellata [64], ir-rappreżentanti tal-komunità Inuit ġew ikkonsultati b'mod abbondanti u kemm-il darba matul it-tfassil kemm tar-Regolament bażiku kif ukoll tal-miżuri ta' applikazzjoni u l-leġiżlatur tal-Unjoni żied "eżenzjoni Inuit" fir-Regolament bażiku (Artikolu 3(1) tar-Regolament Nru 1007/2009), li tippermetti sal-lum lill-komunitajiet Inuit u lil komunitajiet indiġeni oħra, sabiex tiggarantixxi lilhom il-mezzi ta' għajxien, li jikkummerċjalizzaw ammont limitat fis-suq intern Ewropew ta' prodotti dderivati mill-foki li jirriżultaw minn metodi tal-kaċċa tradizzjonali. Fiċ-ċirkustanzi mogħtija, ma setax jintalab iktar mil-leġiżlatur tal-Unjoni.

95. Bħala konklużjoni, anki din it-tielet u l-aħħar parti tat-tieni aggravju – sa fejn hija possibbilment ammissibbli – ma hijiex rilevanti u għandha tiġi miċħuda bħala infondata.

60 — Sentenza Fediol vs Il-Kummissjoni (191/82, EU:C:1983:259, punt 22); ara wkoll reċentement is-sentenza Il-Kunsill u Il-Parlament vs Il-Kummissjoni u Il-Kummissjoni vs Vereniging Milieudefensie u Stichting Stop Luchtverontreiniging Utrecht (C-401/12 P sa C-403/12 P, EU:C:2015:4, punt 58).

61 — Ara l-premessa 14 tar-Regolament Nru 1007/2009.

62 — Sentenza Nakajima vs Il-Kunsill (C-69/89, EU:C:1991:186, punt 31); ara wkoll reċentement is-sentenza Il-Kunsill u Il-Parlament vs Il-Kummissjoni u Il-Kummissjoni vs Vereniging Milieudefensie u Stichting Stop Luchtverontreiniging Utrecht (C-401/12 P sa C-403/12 P, EU:C:2015:4, punt 59).

63 — Fir-rigward tal-kunċett ta' "*soft law*" ara pereżempju l-iktar konklużjoni reċenti tal-Avukat Ġenerali Cruz Villalón fil-kawża Il-Ġermanja vs Il-Kunsill (C-399/12, EU:C:2014:289, punt 97, b'riferimenti ulterjuri).

64 — Punti 114 u 115 tas-sentenza appellata.

D – *Sinteżi*

96. Peress li la l-ewwel u lanqas it-tieni aggravju ma huma fondati, l-appell komplessivament ma għandux prospettiva li jintlaqa' u għandu jiġi miċħud bħala parzjalment inammissibbli u parzjalment infondat.

V – **Spejjeż**

97. Jekk, kif qed nipproponi f'dan il-każ, l-appell jiġi miċħud, fis-sens tal-Artikolu 184(2) tar-Regoli tal-Proċedura, il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi dwar l-ispejjeż, fejn tapplika speċifikament l-Artikoli 137 sa 146 moqrija flimkien mal-Artikolu 184(1) tar-Regoli tal-Proċedura.

98. Skont l-Artikolu 138(1) u (2) moqri flimkien mal-Artikolu 184(1) tar-Regoli tal-Proċedura jirriżulta li l-parti li titlef il-kawża għandha tiġi kkundannata għall-ispejjeż, jekk dawn ikunu ntalbu; jekk ikun hemm iktar minn parti waħda li titlef il-kawża, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tiddeċiedi dwar kif għandhom jinqasmu l-ispejjeż. Peress li l-appellanti tilfu, hemm lok li jiġu kkundannati għall-ispejjeż, kif mitlub mill-Kummissjoni. Peress li huma ppreżentaw l-appell konġuntament, hemm lok li jiġu kkundannati flimkien għall-ispejjeż[65].

99. B'deroga għal dak li ntqal iktar 'il fuq, għandha tingħata deċiżjoni dwar l-ispejjeż tal-Parlament u tal-Kunsill. Tali entitajiet, li kienu intervjenew fil-proċedura fl-ewwel istanza insostenn tal-Kummissjoni, ipparteċipaw ukoll fil-fażi bil-miktub u waqt is-seduta tal-appell. Fis-sens tat-tieni sentenza tal-Artikolu 184(4) tar-Regoli tal-Proċedura, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tikkundanna lil dawn il-partijiet sabiex iħallsu l-ispejjeż tagħhom stess.

100. Kif jidher ċar mill-formulazzjoni użata ("tista'"), din l-aħħar dispożizzjoni bl-ebda mod ma teskludi li, fejn xieraq, il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi f'sens differenti u tikkundanna lill-appellanti li tilfu l-kawża jħallsu l-ispejjeż tal-intervenjenti avversarji fl-ewwel istanza jekk it-talbiet tagħhom – bħal f'dan il-każ tal-Parlament u tal-Kunsill – ikunu ntlaqgħu fl-appell[66]. Fil-każ ineżami jidhirli madankollu li huwa xieraq li tiġi applikata r-regola li tinsab fit-tieni sentenza tal-Artikolu 184(2) tar-Regoli tal-Proċedura. L-Artikolu 140(1), moqri flimkien mal-Artikolu 184(1) tar-Regoli tal-Proċedura huwa wkoll favur tali deċiżjoni[67].

VI – **Konklużjoni**

101. Fid-dawl ta' dak kollu li ntqal hawn fuq, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tiddikjara u tiddeċiedi:

1) L-appell huwa miċħud.

2) Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.

3) Għall-bqija, l-appellanti għandhom ibatu *in solidum* l-ispejjeż proċedurali.

65 — Sentenza Akzo Nobel Chemicals u Akcros Chemicals vs Il-Kummissjoni (C-550/07 P, EU:C:2010:512, punt 123); fl-istess sens is-sentenza D u L-Isvezja vs Il-Kunsill (C-122/99 P u C-125/99 P, EU:C:2001:304, punt 65), fl-aħħar kawża D u Ir-Renju tal-Isvezja kienu saħansitra ppreżentaw żewġ kontestazzjonijiet separati u ġew ikkundannati minn tal-inqas sabiex ibatu l-ispejjeż *in solidum* bejniethom.

66 — F'dan is-sens, ara pereżempju, is-sentenza Il-Kunsill vs Zhejiang Xinan Chemical Industrial Group (C-337/09 P, EU:C:2012:471, punt 112); f'din il-kawża, peress li l-Kunsill tilef, kien ikkundannat iħallas l-ispejjeż inklużi dawk sostnuti minn Audace, intervenjenti fl-ewwel istanza li weriet l-oppożizzjoni tagħha, u li t-talbiet tagħha fl-appell intlaqgħu.

67 — Ara, f'dan is-sens, is-sentenza Inuit Tapiriit Kanatami *et* vs Il-Parlament u Il-Kunsill (C-583/11 P, EU:C:2013:625, punt 116).